Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 16
## It-Tlieta 25 ta'Awissu 2020

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

16.1.01 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti.

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

16.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-15 ittieħdu bħala moqrija. Saret korrezzjoni fil-minuti 15.5.01.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

16.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 685 : C -2020 Greenpak Notice: Change to Door to Door Glass Collections fejn għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar kif se jinġabar il ħġieġ.

16.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 687 : C -2020 Cir AKL 2020/088 Opportunity Knocks fejn tat dettalji dwar dan il-proġett Ko-finanzjat mill- Fondi ta'zona ekonomika biex team mill- FSWS jgħin żgħażagħ bejn it-13 u l-25 sena permezz ta' sessjonijiet individwali li fihom jidentifikaw il-bżonnijiet ta' kull persuna u jitfassal pjan ta' azzjoni miftiehem individwalment sabiex eventwalment, permezz tal-fondi disponibbli, jintlaħqu l-aspirazzjonijiet ta'dawn iż-żgħażagħ.

16.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 689 : C -2020 Cir AKL 2020/090 European Mobility Week fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li se ssir laqgħa online biex jingħataw dettalji kif il-kunsilli jistgħu jipparteċipaw u japplikaw għall din il-kompetizzjoni maqsuma fi tnejn għall- inizjattivi temporanji bħal toroq magħluqa għat-traffiku biex ssiru attivitajiet jew proposti għall-miżuri permanenti li jnaqqsu l-emissjonijiet.

16.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 690 : C -2020 Premju Anzjanità Attiva fejn għarrfet lil kunsilliera preżenti li jistgħu jiġbru l-kopja ta'nominazzjonijiet mingħand is-Segretarju Eźekuttiv u li huma miftuħa sa 30 ta'Settembru.

16.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa preliminari ma' rappreżentant ta'TM mid-Dipartiment Marittimu biex jiġu diskussi xi punti qabel ma jibda il-proċess biex tkun emendata il-Bye Law tal-Iskall.
Għall din il-laqgħa attendew Is-Sindku u s-Sur Alfred Farrugia bħala rappreżentanti tal-kunsill f'dan il-kumitat ta'dgħajjes flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

16.4.01 B'referenza għall-minuti 15.3.03 dwar ċinema fuq il-baħar ġewwa d-daħla bejn il-pjazza u l-ġnien go Misraħ San Guzepp, is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-pont huwa kundannat.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dan mhux se jkun wżat mill-pubbliku filwaqt li minħabba l-żviluppi ta'Covid 19 dan mhux se jsir fl- 2020 u tittama li jkun possibbli li ssir fis sena 2021.

16.4.02 B'referenza għall-minuti 15.4.04 dwar it-tabella tal-Merħba go Triq Rue D'Argens, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk din saritx.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġiet ordnata.

16.4.03 B'referenza għall-minuti 15.4.09 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa biex jikkonferma li x-xogħolijiet li qed ssiru go Triq Xatt ta'Xbiex humiex dawk għall -proġett tad-drenaġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma.

16.4.04 B'referenza għall-minuti 15.4.12 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-plakka tal-monument ta'Zghazagh hija lesta.

16.4.05 B'referenza għall-minuti 15.4.13 dwar kemm jkun hemm ċitazzjonijiet fuq skart, is-Sur Selvaggi staqsa jekk hux possibbli jkun hemm aġġornament regolari.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jista' jitlob għall din l-informazzjoni iżda ma jistax jgħid jekk din tkunx għandu fiż-żmien bejn seduta jew oħra tal-kunsill. Għalhekk meta din l-informazzjoni tasal għandu tingħad bħala komunikazzjoni fis-seduta li jkun imiss.

16.4.06 B'referenza għall-minuti 15.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li minħabba is-sitwazzjoni Covid 19 l-attivitajiet mħabbra għall- Sajf fil-Pjazza ġew mħassra.

16.4.07 B'referenza għall-minuti 14.5.07 dwar it-talba għall- road humps go Triq L-Zamenhof. Is-Sur Alfred Farrugia staqsa meta dawn se jeħlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn u humps oħra approvati se jiġu ordnati inkluż Installazzjoni. Hawn ġibed l-attenzjoni fuq xi limitazzjonijiet kif ġa ġie diskuss f'seduti oħra fejn ċertu xogħol iddur mal-kapaċitajiet ta' persuna. Hawn kompla jispjega li hemm lista twila ta' xogħol li għad rrid issir. Għalhekk se jara li filwaqt li din il-lista tonqos se jara wkoll li għall ċertu xogħol ordnat fejn possibbli ikun jinkludi wkoll l-installazzjoni.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li jifhem sew dawn il-limitazzjonijiet u jaqbel ma kif spjega is-Segretarju Eżekuttiv li l-installazzjoni għanda tkun inkluża ma ċertu ordnijiet.

16.4.08 B'referenza għall-minuti 15.4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni għall- road hump go Triq Johnny Catania k/m Triq it-Tabib R.Naudi ġiet approvata minn TM.

16.4.09 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-kunsill jistax japplika għall-Comunity policeing.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li mhemmx applikazzjonijiet u għalissa dawn huma proġetti pilota mifruxa ma' ftit kunsilli żgħar iżda fil-ġranet li ġejjin għanda ssir laqgħa b'aġenda miftuħa għas-Sindki ta' numru ta' kunsilli inkluż l-Imsida mal-Ministru konċernat u tara minn hemm.

16.4.10 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet fuq numru vetturi abbandunati go l-Imsida u staqsiet jekk dawn jistgħux jittieħdu passi fuqhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bħal ma spjega go seduti oħra saru u għadhom ssiru bosta rapporti fuq dawn bit-tama li jinġibdu iżda filwaqt li dawn ġieli jeħlu ċitazzjoni il-LESA jew Pulizija jgħidu ma għandhomx aktar spazju fil-compounds.

**16.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

16.5.01 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 688: C -2020 Tech.mt FREE WI-FI fejn spjegat li l-għan huwa biex jkun provdut aċċess flessibbli għall-internet go spazji pubbliċi. Hawn kompliet tispjega li fid-dawl ta'esperjenzi negattivi li ġraw minn ġemgħat ta'nies fuq iz-zuntier kull aċċess pubbliku ġie mitfi ħlief dak provdut minn kumpanija tat-telekomunikazzjoni kummerċjali ewlenija. Iżda il-kunsill xorta jista' japplika għall-WIFI fil-librerija li għad ma hemmx aċċess pubbliku.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew filwaqt li sur Maurice Agius ssuġġerixxa biex din il kumpanija tmexxi is-servizz lejn Misraħ San Guzepp fuq wara minflok fejn il-knisja.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jagħmel kuntatt mal-kumpanija dwar dan is-suġġeriment.

16.5.02 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda Applikazzjoni 692 : C -2020 biex titkabbar il-Gradilja għall-ilma ta'xita go Triq Kunċizzjoni fejn spjegat li dawn se jagħmlu ix-xogħol huma għas-spejjez tagħhom. Hawn spjegat li fil-fatt din kien hemm bżonn li tikber biex tieħu aktar ilma fejn setgħa jagħmilha il-kunsill. Għalhekk meta tqies l-spiża ta' ftit iktar minn mitejn euro qed tipproponi biex l-spejjez jiġu mħallsa mill-Kunsill.

Is-Sur Emanuel Brincat s-sekonda u Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

16.5.03 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda korrispondenza Collaboration on Green Spaces fejn spjegat li saret laqgħa ta'informazzjoni online ma Friends of the Earth Malta dwar proġett maqsum f'żewġt kategoriji fejn il-kunsill jista' jipparteċipa billi jiffirma MOU. Hawn kompliet tispjega li jekk dawn jibbenefikaw minn fondi Ewropew ikun jistgħu matul il-ħames snin li ġejjin u kif indikat lilhom mill-kunsill jagħmlu solar roof garden sa minimu ta'25m2 fuq il bejt tal-kunsill filwaqt li l-kunsill jista' wkoll jipproponi zoni pubbliċi bħal ġonna jew Traffic Islands biex ssiru pollinators jew comunity gardens.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

16.5.04 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet fuq ir-rampi tas-subway ħdejn skatepart u staqsiet jekk dawn ssirx manutenzjoni fuqhom għax hemm partijiet li jiżolqu.

Is-Sindku wieġbet li dawn jaqgħu tah Infrastruttura Malta iżda fil-fatt mhux l-ewwel darba li l-kunsill qabad u ħa ħsieb huwa.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal sa ftit ġimghat ilu sar xi xogħol mill-kunsill fuqhom iżda barra li se jwassal rapport lill IM għax hemm problemi oħra go subway se jara wkoll jekk hemmx xi partijiet oħra li jistgħu ssiru.

16.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia qal li hemm xi siġar li ma kienux inklużi fl-ahhar stima u xogħol ta' żbir għalhekk qed jitlob biex dawn ssiru.
Il-Kunsill approva unanimament.

16.5.06 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar żewġt bankijiet go Triq Princess Margaret u talab biex dawn jinqalaw għax qed jinġabru nies jixorbu u jagħmlu storbju u ħmieġ taħt dar in-nies. Hawn kompla jistaqsi meta il-platform tal-crane se tiżżarma u rranġati l-planters li hemm fuq il-post.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li jekk il-kunsill jaqbel il-bankijiet jiġu meħuda go post ieħor. Dwar il-platform dan se jiċċekkja fuqu mas- sid għax ma jaħsibx li huwa fl-interess tiegħu li l-platform tibqa hemm għax xorta jħallas minkejja li l-crane telaq. Filwaqt li meta din titlaq il-planters jerġgħu mmorru fil-post tagħhom.

16.5.07 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-abbużi fuq il ftit parkeġġ għar-residenti li hemm go Triq Princess Margaret forsi il-LESA tieħu azzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

16.5.08 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar biċċa fetħa perikoluża biswit binja ġdida go Triq Princess Margaret.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ftit ilu bagħat il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex jagħlqu kif jistgħu. Hawn kompla jispjega li ġa kien kellem lill kuntrattur tal binja ġdida iżda dan wieġbu li dik il-ħofra mhux tagħhom għax kieku bnew wkoll.

16.5.09 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-Bring in Site go Victor Denaro fejn spjega li warajhom hemm daħla għall propjetà privata li ġiet qiesha latrina u sid staqsa jekk jistax ssir xi haġa.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li meta kien hemm CCTV kien ikun hemm bosta filmati b'nies jinqdew iżda bosta minnhom kienu jew barranin jew bil-hood u ma tagħrafx lill ħadd.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega kif l-stess persuna kellmitu xi sentejn ilu biex il-kunsill jagħmel ċint biex jagħlaq din id-daħla privata. Hawn kompla jispjega li dak in-nhar kien wieġbu li l-kunsill ma jistax jagħmel xogħol fuq propjetà privata iżda jekk japplika ma' min hemm bżonn ma jaħsibx li il-kunsill se jsib oġġezzjoni li dan jibni ċint u jagħlaq id-daħla tiegħu b'xatba.

16.5.10 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-kunsill għandux pjanti tal-bini residenzjali tal-Gvern li qed jitla go Triq il-Wied u jekk żdiedx il-parkeġġ go fihom.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet fil-kunsill ma hemmx pjanti filwaqt li l-parkeġġ li hemm mhux se jkun biżżejjed.

16.5.11 Is-Sur Nicholas Chircop għarraf lil kunsilliera preżenti dwar is-sessjonijiet tal-Yoga darba fil-ġimgha li se jibdew minn l-10 ta'Settembru sas- 16 ta'Ottubru. Dawn se jkunu b'xejn għall min jattendi filwaqt li l-kunsill se jħallas €25 għall kull sessjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

16.5.12 Is-Sur Maurice Agius tkellem kif ir-refuġjati qed ikunu jistennew qaqoċċa flok fil-que fuq il-bankina go Rue d'Argen.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

**16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

16.6.01 Ma kienx hemm rapporti.

**16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

16.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-16 ta' ħlasijiet bejn 31 ta'Lulju 2020 sa' 25 ta'Awissu għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Charles Selvaggi u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**16.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

16.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:13 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 29 ta'Settembru 2020 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum 29 ta' Settembru 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |